23 ta' Ġunju, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.,

Dominic Mintoff, B.E.A., A. & C.E., M.A. (Oxon.), pr. et ne. et.

*versus*

Anthony Zammit ne.

**Libell — Inġurja — Kwerela — "Fair Comment".**

*Kull min hu milqut b'inġurja kollettiva għandu azzjoni penali kontra l-awtur ta' l-inġurja; u għalhekk, jekk artikolu publikat f'ġurnal huwa nġurjuż kontra klassi ta' nies, il-komponenti tagħha, speċjalment il-mexxejja tagħha, jistgħu jaġixxu bi kwerela f'isimhom kontra dik l-inġurja.*

*Biex kumment ma jassoġġettax lil min jagħmlu għall-azzjoni penali ta' min bih jiġi nġurjat, jeħtieġ li jkun ġust. Dan ma jfissirx li neċessarjament il-komment għandu jkun korrett fil-konklużjonijiet li fihom jasal il-kommentatur, iżda jfisser li l-konklużjonijiet ma jkunux ir-riżultat ta' tgħawwiġ li l-fatti li fuqhom isir il-komment ma jiġġustifikawhx, u li ebda bniedem onest ma jista' raġjonevolment jasal għalihom.*

Fuq l-akkuża kontra l-kwerelati Anthony Zammit, bħala editur tal-ġurnal "il-Berqa", u Victor Denaro, bħala stampatur ta' dak il-ġurnal, illi per mezz ta' artikolu ntitolat "Il-Mintoffiani u Gwerra Oħra", li deher fil-ġurnal "Il-Berqa" numru 5803, bid-data tat-12 ta' Marzu 1951, inġurjaw lill-kwerelanti personalment u bħala Leader u membru rispettivament tal-Labour Party, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati

tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tal-25 ta' April 1951, iddikjarat estinta l-azzjoni u l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda lil Victor Denaro, minħabba r-rinunzja għall-azzjoni da parti tal-kwerelanti "in limine litis", iddikjarat inammissibili l-kwerela u l-azzjoni in kwantu magħmula għannom u fl-interess tal-Malta Labour Party bħala enti separat u distint mill-membri tiegħu li jikkomponuh, sabet lill-kwerelat Anthony Zammit, editur tal-ġurnal "Il-Berqa", ħati talli per mezz ta' l-artikolu ntitolat "Il-Mintoffiani u Gwerra Oħra", li deher fil-ħarġa tat-12 ta' Marzu 1951, huwa nġurja l-kwerelanti bħala membri tal-Konferenza tal-Malta Labour Party, u kkundannat lil Anthony Zammit għall-multa ta' £10 u għall-ispejjeż tal-kawża;

Anthony Zammit appella;

Il-Qorti rat l-attijiet kollha tal-kawża u semgħet l-avukati:

Fl-artikolu nkriminat jingħad, l-ewwelnett, li f'konferenza laborista miżmuma fir-Radio City Opera House ġiet milqugħa mozzjoni mill-partit mintoffjan, li kienet tgħid li l-Partit jibqa' jopponi d-dħul tal-lieva f'Malta kemm il-darba l-ħaddiema kollha tad-difiża, bl-uniformi jew ċivili, ma jkollhomx l-istess pagi, pensjonijiet, konsiderazzjonijiet u trattamenti ugwali, daqs ta' l-Ingliżi. Imbagħad l-artikolu jissokta jgħid b'riferenza għal dik il-mozzjoni.:— "Gwerra oħra, jekk issir, tkun kontra r-Russja, u għalhekk id-deċiżjoni li ħadu l-mintoffjani ma tfisserx ħaġ'oħra għajr dik li f'dik il-gwerra l-Maltin ma jieħdux sehem, ma jiġġieldux. Nistaqsu: X'iridu l-mintoffjani, li f'każ ta' gwerra kontra l-Komuniżmu l-Maltin ma jiġġieldux, jibqgħu jħarsu? X'iridu, li l-Maltin jiftħu l-bibien lir-Russi? Inħalluhom jagħmluna komunisti? Jgħidulna l-mintoffjani, bla ebda tlaqliq, bla ebda skużi, bla ebda taħlit ta' ħaġa ma' l-oħra, jekk huma iridux lill-Maltin ma jiġġieldux kontra r-Russja u kontra l-Komunismu. Il-Partit Mintoffjan sejjer jitlob umilment lill-Qdusija Tiegħu l-Papa biex iwaqqaf il-festa ta' Kristu Ħaddiem; iżda hu fl-istess laqgħa għadda mozzjoni li fis-sustanza tagħha tfisser li l-mintoffjani ma jridux li l-Maltin jiġġieldu kontra r-Russi, li ma jemmnux fi Kristu, li jridu jeqirdu t-twemmin Tiegħu..........";

Il-kwerelat, qabel xejn, isostni li l-kwerelanti ma għandhomx azzjoni kontra tiegħu, għax jekk fl-artikolu hemm l-in-

ġurja, dina hija diretta kontra l-klassi tal-mintoffjani, u ma tirsolvix ruħha f'inġurja kontra l-komponenti ta' dik il-klassi;

Il-Qorti tirrileva li fil-ġurisprudenza ta' dina l-Qorti stess ġie stabbilit li kull min hu milqut b'inġurja kollettiva għandu azzjoni penali kontra l-awtur ta' l-inġurja (sentenza App. Kriminali 26. 10. 1929, in re "Borg vs. Gatt", u 30. 6. 1950 in re "Pulizija vs. Dominic Mintoff"). Jekk dak li jingħad fl-artikolu nkriminat huwa nġurjuż, ċertament l-inġurja — diretta kontra l-mintoffjani in ġenere — ma tistax ma tolqotx ukoll b'mod partikulari lill-leader tagħhom, li ħa sehem fil-konferenza li għaddiet il-mozzjoni, u lil Emmanuele Tabone li, barra li kien president, kien qiegħed jippresjedi l-konferenza meta l-mozzjoni ġiet proposta u għaddiet; għax responsabili prinċipalment tagħha fil-pożizzjoni uffiċjali tagħhom kienu dawk iż-żewġ kwerelanti, u neċessarjament il-kommenti li saru a propożitu tal-mozzjoni fl-artikolu nkriminat jolqtu u jirriflettu fuqhom personalment. Għaldaqstant sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti meta ċaħdet l-eċċezzjoni ta' difett ta' azzjoni fil-kwerelanti;

Fuq il-meritu, il-Qorti tirrileva li huwa minnu li fil-kumpless tiegħu l-artikolu nkriminat huwa komment fuq fatt ta' interess publiku, in kwantu jikkommenta l-mozzjoni ta' partit politiku, u b'mod partikulari tal-komponenti tiegħu, fil-laqgħa li saret fir-Radio City Opera House. Iżda biex komment ma jassoġġettax lil min jagħmlu għall-azzjoni penali ta' min bih jiġi nġurjat, jeħtieġ li jkun ġust. Dana ma jfissirx li neċessarjament il-komment għandu jkun korrett fil-konklużjonijiet li fihom jasal il-kommentatur, iżda jfisser li l-konklużjojiet ma jkunux ir-riżultat ta' tagħwiġ li l-fatti li fuqhom isir il-komment ma jiġġustifikawx, u li ebda bniedem onest ma jista' raġjonevolment jasal fihom;

Fil-każ in eżami, l-artikolista jibda biex jinjora għal kollox il-kondizzjoni fondamentali tal-mozzjoni u l-iskop evidenti li għalih hija diretta, u jaqbad jissentenzja li l-mintoffjani ma jridux jikkumbattu fi gwerra kontra r-Russja, u mhux li ma jridux il-lieva ħlief taħt il-kondizzjoni ta' trattament ugwali għall-Ingliżi. Id-differenza hija enormi u evidentissima, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li l-avverament tal-kondizzjoni ma hu xejn diffiċili jew improbabili, għax fl-aħħar mill-

aħħar ma hi xejn ħaġa intrinsekament kbira. U fuq l-assunt ta' dik il-konklużjoni u nferenza arbitrarja, l-artikolista, taħt sura ta' mistoqsijiet, ikompli jibbottja li l-mintoffjani ma jridux il-Maltin jiġġieldu kontra l-Komunizmu u kontra r-Russja, u jagħti x'jifhem li l-oppożizzjoni tal-mintoffjani għallieva ma hijiex ħlief skuża biex ma jiġġieldux kontra r-Russja u kontra l-Kommunizmu. Dana ma jistax jissejjaħ komment ġust, iżda terġiversazzjoni tal-verità taħt sura qarrieqa ta' komment;

Għaldaqstant is-sentenza appellata mhix ċensurabili;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell tal-kwerelat Zammit, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kapi devoluti lilha; bl-ispejjeż kontra l-appellant. Id-dritt tad-difensuri huwa iffissat 15s. kull seduta.